MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Avviz Numru. 89/2013

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru 1733/12**
**Fl-ismijiet**

**V & J Grima LImited (C 5354)**

**vs**

**Joseph Micallef (ID 454066M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ippresentat mis-socjeta Michael Attard Limited (C 32362) fit 2 ta' April 2013 fejn dina ippremetiet illi hija kienet bieghet zewt vetturi 'second hand', ossija ossija Ford Transit HVY-029 u Ssangyong Rodius MGY-

994 lill Joseph Micallef liema prezz kellu jithallas permezz ta’ pagamenti rateali.

Joseph Micallef, mument minnhom, kien moruz fil-pagamenti tal-imsemmija karozzi, u kien ghad fadal bilanc ta’ sitta u tletin elf, mitejn u disgha u disghin Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€36,299.26).

Is-socjeta rikorrenti, peress illi tali kreditu kien wiehed privileggjat ai termini tal-Artikolu 2009 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghazlet illi tirriprendi l-pussess tal-imsemmija vetturi bhala hlas akkont tal-kreditu lilha dovut minn Joseph Micallef.

Illi sussegwentement izda, meta marret biex taghmel it-trasferiment tal-vetturi minn fuq Joseph Micallef ghal fuq isem terzi, irrizulta illi l-Awtorita ghat-Trasport f’Malta (Licensing and Testing Directorate) kienet prekluza milli taghmel dan peress illi kien hemm il-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv odjern illi jippreskludihom milli jaghlu t-trasferiment.

Illi r-rikorrent ghalhekk intavola r-rikors odjern a tenur tal-Arttikolu 281 tal-Kap 12 sabiex tordna illi l-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv 1733/12 jitnehha limitatament ghal dak li jirrigwarda l-vetturi Ford Transit HVY-029 u Ssangyong Rodius MGY-994.

Ir-rikorrenti sahqu illi, apparti li huwa legalment inkoncepibbli kif trasferiment ta’ vetturi seta jitwaqqaf in vista ta’ Mandat ta’ Sekwestru mahrug f’idejn l-Awtorita ghat-Trasport f’Malta, socjeta V & J Grima Limited, sahqu ukoll illi huwa obbligu tas-socjeta illi tohrog il-Mandat ta‘ Sekwestru li tassikura li l-effetti tal-mandati ma jikkreax danni lill terzi.

Rat illi fit 8 ta' April dina l-Qorti ordnat in-notifia tar-rikors lill-partijiet u appuntat il-kaz ghaz-zmigh u trattazzjoni ghat 22 ta' April 2013.

Rat illi fid 19 ta' April 2013, s-socjeta intimata V&J Grima Limited ippresentat ir-riposta taghha filwaqt illi Joseph Micallef ma ippresenta ebda risposta.

Illi, fir-risposta taghha, s-socjeta V&J Grima Limited sahqet ili hija ottjeniet sentenza kontra Joseph Micallef fit 30 ta' April 2012 fejn l-imsemmi Joseph Micallef gie dikjarat debitur tas-socjeta V&J Grima Limited fl-ammont ta' ghaxart elef, disgha mija u tnejn u ghoxrin Eur u centezmu (€10,922.01).

Hija sahqet illi fir-rikors tas-socjeta Michael Attard Limited, ma ngabu ebda provi li juru illi l-bejgh sar u wisq anqas illi t-trasferiment ma setax isir. Apparti minn hekk, hija sahqet ili l-privilegg pretiz mis-socjeta Michael Attard Limited a tenur tal-Artikolu 2009 (d) ma japplikax peress illi jenhtieg illi jkun hemm kawza biex tali privilegg japplika. Fl-ahhar nett, hija eccepiet ukoll li talbet ghad-dettalji tal-vetturi izda tali informazzjoni ma inghatax u ghalhekk ma ghandhiex tbaghti l-ispejjez.

Illi fis-seduta tat 22 ta' April 2013 xehedu Stephen Saccu, bhala rappresentant tas-socjeta Michael Attard Limited u Conrad Grima, bhala rappresentant tas-socjeta V&J Grima Limited.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-fatti u l-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta Michael Attard Limited kienet bieghet iz-zewgt vetturi imsemmija fir-rikors promotur lill Joseph Micallef fuq bazi 'second

hand’, u il-hlas taghha kellu jsir ratealment permezz ta’ kambjali pagabbli mensilment.

Illi jirrizulta li mill-bilanc ta’ sitta u tletin elf, mija u tnejn u sebghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€36,172.41) illi jirrizulta dovut skond ix-xhieda ta’ Conrad Grima, kien hemm gia disgha kambjalijiet ta’ sebgha mija u hamsa u disghin Euro u wiehed u disghin centezmu (€795.91) b’lura.

Jirrizulta illi bhala rizultat ta’ tali morozita’, is-socjeta rikorrenti hadet lura l-pussess tal-vetturi, kif kellha kull dritt illi taghmel, u ghaddiet biex tnehhi r-registrazzjoni tal-vetturi minn fuq Joseph Micallef meta giet a konoxxenza tal-fatt illi Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv mahrug kontra Joseph Micallef u nnotifikat lill-Awtorita ghat-Trasport f’Malta kien qieghed jinpedihom milli jaghmlu dan.

Kien ghalhekk illi nfetah ir-rikors odjern, sabiex l-effetti tal-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv 1733/12 jitnehha minn fuq il-vetturi Ford Transit HVY-029 u Ssangyong Rodius MGY-994.

Illi, kif attwalment jirrizulta mix-xhieda ta’ Conrad Grima, huwa kien gie a konoxxenza tal-fatt illi l-vetturi kienu tas-socjeta rikorrenti, liema fatt izda sar jaf biha biss wara li ghamel il-Mandat ta’ Sekwestru, u ghalhekk, filwaqt illi jikkoncedi li l-vetturi ghandhom iduru ghal fuq ir-rikorrenti peress illi huma taghhom, huwa jikkontendi li ma ghandux ibaghti l-ispejjez peress illi huwa ma kienx jaf dwarhom qabel u, apparti minn hekk, huwa ghad ghandu x’jiehu minghand Joseph Micallef u ma jafx minn fejn ser jigbor flusu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kwistjonijiet illi dina l-Qorti trid tara huma tlieta, ossija jekk s-socjeta rikorrenti kellhiex dritt illli tirripussessa ruhha mill-vetturi ta’ Joseph Micallef, jekk il-Mandat ta’ Sekwestru setghax jinhareg fuq tali vetturi f’idejn l-Awtorita ghat-Trasport f’Malta u jekk s-socjeta V&J Grima Limited ghandhiex tbaghti l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tinnota illi l-argument li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex privilegg a tenur tal-artikolu 2009 (d) tal-Kap 16 huwa fallaci u, fil-mod kif redatt, qarrieqi lejn dina l-Qorti. Dana qieghed jinghad, ghax is-socjeta intimata zzeffen l-argument li hemm bzonn il-htiega ta’ kawza biex tali privilegg jigi adoperat filwaqt illi tikkwota biss parti mill-istess artikolu sabiex tikkonferma dan.

Il-Qorti tinnota illi l-parti ikkwotata mis-socjeta intimata ma ghandha x’taqsam assolutament xejn mad-dritt illi qed tippretendi s-socjeta rikorrenti. Dana qieghed jinghad ghax l-artikolu 2009 (d), meta wiehed jaqrah **<u>fl-interjieta tieghu</u>**, u mhux kif ippruvat taghmel is-socjeta intimata, jikkontempla kemm il-prezz ta’ haga mibjugha jew fornita **<u>kif ukoll</u>** ghal-hlasijiet ta’ servizzi ta’ avukati meta jkunu involtu f’kawza tapplika l-privilegg. Il-kawza imsemmija f’tali artikolu ma hijiex il-kawza mehtiega sabiex tali privilegg jigi in esistenza, kif donnha qed tallega s-socjeta intimata, izda hija il-kawza li ghaliha inhargu spejjez u drittijiet dovuti lill-avukati u li tali spejjez huwa privileggjati. Ghalhekk, huwa cara daqs il-kristall illi l-argument tas-socjeta intimata f’dan il-kaz huwa totalment zbaljat.

Konsiderat dan, il-Qorti tghaddi beix taghmel il-kummenti taghha dwar it-tieni kwistjoni li ghandha quddiemha - l-

effetti tal-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv fuq l-Awtorita’ ghat-Trasport ta’ Malta.

Il-Qorti tikkondividi pjenament l-argument imressaq mis-socjeta rikorrenti illi huwa legalment inkoncepibbli li permezz ta’ Mandat ta’ Sekwestru jitwaqqfu trasferimenti ta’ vetturi.

Il-Qorti tinnota li l-ligijiet tal-pajjiz, precizament Kap 12, jipprovdu ghal diversi Mandati illi persuna ghandu dritt jaghmel uzu minnhom sabiex kemm jipproteggi d-drittijeit tieghu kif ukoll jezegwihom. Dawna jinkludu, fost ohrajn, il-Mandat ta’ Sekwstru, il-Mandat ta’ Qbid u l-Mandat ta’ Inibizzjoni.

Il-Mandat ta’ Sekwestru huwa mahsub sabiex, kif tghid l-artikolu 375 tal-Kap 12, il-kreditur ikun jista “*izomm li ma jghaddux f'idejn id-debitur tieghu flus, jew haga mobbli li jkunu jinsabu f'idejn haddiehor*”.

Il-Mandat ta’ Qbid huwa mahsub sabiex affarjiet tad-debitur jinqabdu minghand id-debitur stess, kif pprovdut fl-artikolu 846 tal-Kap 12, u jew jinzammu maqbuda mill-Qorti ghand id-debitur stess jew fejn instabu l-oggetti hekk maqbuda, jew inkella jigu elevati sabiex jinzammu minn kunsinnatarju ufficjali appuntat ghal dana il-ghan.

Il-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa mahsub, kif tipprovdi l-artikolu 873 tal-Kap 12, sabiex “*jzomm persuna milli taghmel kwalsiasi haga li tkun li tista tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat*”. L-artikolu 874 (1) imbghad tipprovdi li tali mandat jista ukoll jintalab “*minn kreditur biex jizgura dejn jew kull pretensjoni ohra*” u dan

billi "*izzomm lid-debitur milli jbiegh, jittrasferixi jew jiddisponi inter vivos mill-propjeta li tigi ndikata*".

Illi, ghalhekk, huwa car illi t-tlett Mandati fuq imsemmija lkoll ghandhom il-funzjoni partikolari taghhom u ghandu jigi assikurat illi l-uzu taghhom jigi limitat ghal dak li ghalih huma mahsubin.

Dana qieghed jinghad, ghax, fil-kaz in ezami, jidher car illi l-Awtorita tat-Trasport f'Malta ma kienetx korretta meta naqqset milli teffettwa t-trasferiment tal-vetturi, peress illi hija ma kellhiex fil-pussess taghha flejjes jew mobbli li jappartejnu lid-debitur Joseph Micallef.

Il-Qorti tosserva illi records illi jindikaw fuq isem min vettura hija registrata ma jistghu qatt jitqiesu bhala mobbli tad-debitur, peress illi huwa car li tali records ma humiex propjeta tad-debitur izda huwa propjeta tal-Awtorita' tat-Trasport f'Malta u huma mahsuba sabiex jinzamm record dettaljat ta' kull vettura f'Malta u Ghawdex u f'isem min hija registrata.

Ghalhekk, salv meta l-Awtorita' tircievi Mandat ta' Inibizzjoni illi fiha tigi inibita sabiex taghmel xi tibdil fir-records taghha sabiex ma jigux pregudikati interessi ta' terzi persuni, l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta ma ghandha qatt tirrifjuta illi taghmel tali tip ta' trasferiment ta' vettura minn persuna ghal ohra abbazi ta' semplici Mandat ta' Sekwestru.

Il-Qorti tinnota ukoll illi Mandat ta' Sekwstru ma huwiex mahsub sabiex jinibixxi u jwaqqaf lill xi hadd milli jaghmel trasferiment, ghax kieku dak kien il-kaz, allura l-principju tal-Mandat ta' Inibizzjoni tigi totalment res inutili u superflwu. Il-Mandat ta' Sekwestru huwa intiz **unikament**

sabiex jinzammu flejjes u oggetti illi jkunu f'idejn il-persuna li irceviet is-sekwestru milli jinghaddew lill terzi u **xejn aktar**!

L-ahhar konsiderazzjoni illi ghandha taghmel dina l-Qorti hija dwar it-talba li s-socjeta initmata ma ghandhiex tbaghti l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Il-Qorti tinnota illi s-socjeta intimata tikkontendi li hija qatt ma kienet taf bil-vetturi kkoncernati u ghalhekk ma setghetx tkun taf li dawna kienu tas-socjeta Michael Attard Limited qabel ma inbdew il-proceduri odjerni. Madanakollu, wara illi l-istess socjeta intimata saret attwalment taf liema kienu l-vetturi maqbuda mill-Mandat ta' Sekwestru minnhom intavolat, minflok ma ghaddet biex tittransigi l-kwistjoni, hija ghazlet illi tikkontesta t-talba tas-socjeta rikorrenti billi qalet illi s-socjeta rikorrenti ma kellha ebda privilegg fuq il-vetturi u li ma kien hemm ebda prova illi tali vetturi kient attwalment inbieghu lill Joseph Micallef mis-socjeta rikorrenti. Tali intransgenza tidher ukoll registrata fix-xhieda ta' Conrad Grima meta, filwaqt illi stqarr li sar jaf li l-vetturi huma tas-socheta rikorrenti, huwa sahaq illi kellu dritt izda jigbor dak dovut lilu.

Il-Qorti tinnota illi huwa ghandu kull dritt illi jigbor dak li huwa dovut lilu minn Joseph Micallef, izda ma ghandu ebda dritt illi jigbor tali flejjes minn oggetti illi ma humiex propjeta' ta' Joseph Micallef izda ta' terzi persuni, aktar u aktar meta l-istess socjeta intimata kienet ben konxja tal-fatt illi l-vetturi kienu tas-socjeta rikorrenti.

Il-Qorti tista tifhem li s-socjeta intimata, meta intavolat il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv setghet ma kienetx taf dwar tali fatti, izda certament, sussegwentement, kif irrizulta anke mit-trattazzjoni tal-partijiet, hija saret taf li l-vetturi kienu tas-socjeta rikorrenti u ghalhekk setghet facilment tevita dawna l-proceduri kollha u l-ispejjez taghha billi tnehhi l-effetti tal-MAndat fuq tali vetturi, liema

fatt hija ma ghamlitx u, minnflok, ghazlet illi tikkontesta, anke quddiem dina l-Qorti stess.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet ixxhieda tal-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi beix taqta u tiddeciedi billi

Filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta initmata V&J Grima Limited,

Tilqa' t-talba rikorrenti u tordna illi l-Mandat ta Sekwestru Ezekuttiv 1733/12 jthassar inparte u dana limitatament in kwantu dawa jolqot il-vetturi Ford Transit HVY-029 u Ssangyong Rodius MGY-994.

Spejjez ta' dawna l-proceduri ikunu kollha a karigu tas-socjeta intimata V & J Grima Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------